**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 31 ta' Ottubru, 2024**

**Kawża Numru: 11**

**Rikors Guramentat Numru:- 118/2019 JVC**

**Dr Jason Debono (Id 402977M)**

**Vs**

**Roderick Camilleri (ID 212084M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti Dr Jason Debono talab kif isegwi:

1. 'Illi nhar il-11 ta' Lulju 2017 filghodu, l-esponent kien qieghed isuq ir-rota fi Triq il-Panorama gieli maghrufa wkoll Triq Panoramika, limiti Hagar Qim, Qrendi fid-direzzjoni lejn Ghar Lapsi;

2. Illi huwa safa' mtajjar mill-konvenut li kien qieghed isuq trakk bin-numru ta' registrazzjoni CAF 534;

3. Illi dan l-incident sehh tort tal-konvenut li bit-trakk kien fi proprjeta' privata ossija barriera, u b'negligenza u bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku, baqa' hiereg ghal fuq l-imsemmija triq principali Triq il-Panorama minn fejn kien ghaddej l-esponent, b'mod li tajjar lill-istess esponent;

4. Illi konsegwenza ta' dan l-incident, l-esponent sofra danni ngenti fir-rota u fit-taghmir tieghu u kif ukoll danni fizici permanenti fuq il-persuna tieghu li taghhom ghandu jigi kkumpensat;

5. Illi d-dizabbilta' permanenti li sofra l-attur effetwatlu hajtu negattivament u perennement;

6. Illi minkejja interpellat jaddivjeni ghall-likwidazzjoni u hlas ta' kumpens (kopja tal-ittra ufficjali annessa u mmarkata-Dok A), il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha tinfetah din il-kawza;

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna, joghgobha:

1. Tiddikjara li l-incident *de quo* sehh htija tal-konvenut u li b'konsegwenza tieghu l-attur garrab l-imsemmija danni;
2. Tillikwida, occorendo bl-opra ta' periti u esperti nominandi, id-danni sofferti mill-attur per konsegwenza tal-imsemmi incident;
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-imghaxijiet sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 4455/2017 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, kontra l-konvenuti li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Roderick Camilleri (ID 12084M);

1. 'It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

2. F'kull kaz, l-eccipjent mhuwiex responsabbli ghal ebda negligenza fil-konfront tal-attur.

3. F'kull kaz ukoll, kwalsijasi hsara saret unikament minhabba n-nuqqas ta' attenzjoni- u negligenza tal-attur stess.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.'

Rat l-affidavits, xhieda, kontro-ezamijiet, dokumenti, ritratti, rapporti u l-provi kollha fl-atti.

Rat illi fil-verbal datat 5 ta' Dicembru, 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kaz odjern jikkoncerna incident li sehh bejn rota misjuqa mir-rikorrent u trakk misjuq mill-intimat li sehh nhar il-11 ta' Lulju, 2017 filghodu fi Triq Panoramika, limiti ta' Hagar Qim, Qrendi. Ir-rikorrent Jason Debono jsostni li waqt li kien qed isuq ir-rota fit-triq imsemmija, l-intimat li kien bi trakk bin-numru ta' registrazzjoni CAF 534 baqa' hiereg minn hrug gdid ta' barriera minghajr ma waqaf u ta' attenzjoni ta' dak li kien hemm ghaddej fit-triq bir-rizultat li r-rikorrent ma kellux fejn imur u spicca dahal fl-istes trakk bir-rota tinqabad taht rota tat-trakk. Ir-rikorrent isostni li konsegwenza tal-incident soffra debilita' permanenti f'widnejh u f'idejh u stante li jsostni li l-incident sehh unikament b'responsabilta, tort u negligenza tal-intimat jitlob li din il-Qorti tordna lill-intimat jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti minnu.

Da parti tieghu l-intimat jichad li l-incident in kwistjoni sehh b'responsabilta', tort jew negligenza tieghu anzi jsostni li dan sehh tort tal-istess rikorrent ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Ghal dak li huma provi l-Qorti rat il-kopja tal-ittra ufficcjali prezentata mir-rikorrent fil-konfront tal-intimat bid-data tas-27 ta' Novembru, 2017 esebita a fol. 5 tal-process liema ittra giet debitament notifikata lill-intimat nhar it-2 ta' Dicembru, 2017;

Rat ix-xhieda ta' **WPS 219 Erica Galea** f'diversi partijiet mill-process fosthom fol. 28, fol. 40 u fol. 361 tal-process. Hija tesebixxi kopja tar-rapport li rredigiet hi dwar l-incident a fol. 31 et seq tal-process izda tghid li ma kellhiex l-iskizz fuqha li gie konsegwentement esebit a fol. 39 tal-process. Tghid li x'hin waslet hi fuq il-post ir-rikorrent kien gia ttiehed l-isptar bl-ambulanza izda fuq il-post qabilha kien wasal PC 398 David Mizzi. Tixhed li l-hin tad-9.00a.m. huwa l-hin x'hin dahlet it-telefonata dwar l-incident fl-ghassa taz-Zurrieq u d-9.30a.m. x'hin tkun waslet hi fuq il-post. X'hin marret fuq il-post ir-rikorrent kien diga' ttiehed Mater Dei. Tghid li t-triq fejn sehh l-incident ma tantx hi familjari maghha taf li hi triq disabitata u li hemm il-barrieri vicin. Fuq l-iskizz timmarka l-hrug tal-barriera b'salib ghaliex ma kinitx immarkatu. Izzid li hemm zball fl-iskizz fin-numru tat-trakk ghaliex inqelbu n-numri. Tghid li fl-iskizz ir-rota tar-rikorrent tidher maqbuda taht it-trakk. Ma tiftakarx jekk kellmitx is-sewwieq tat-trakk. Izzid li f'dan il-kaz ma saritx inkjesta. Il-kliem 'dak il-hin kont qed nixrob, ma kellix idejja fuq il-breaks u ma lhaqtx waqaft' ir-rikorrent ma qalhomx lilha imma lil PC David Mizzi x'hin hi kienet ghadha mhix hemm. Taqbel li t-triq fejn sehh l-incident tigi ftit ghat-tond. It-trakk kien ghadu kif

hareg mill-barriera u kien immejjel, hi hekk sabitu. Ir-rota tar-rikorrent kienet maqbuda taht il-kabina tat-trakk.

**PC 398 David Mizzi** xehed a fol. 49. Jghid li meta nfurmawh mill-*control room* huwa mar fuq il-post flimkien max-xufier. Jghid li fuq il-post sab lil Jason Debono u lil Roderick Camilleri:

'jien hadt l-intitial report, hadt il-particulars, hadtilhom il-verzjoni x'gara u ma garax, rajt li l-ambulanza qieghda on the way u infrumajt lis-Surgenta. . . .
. . . Hadt il-particulars ta' Jason Debono, mobile number, id card number, Roderick Camilleri, id card number, fuq il-pagna ta' wara hadt in-number tal-mara tas-Sur Debono halli ninfurmawha bl-accident u ghandi l-verzjonijiet tal-vittma kif ukoll tax-xufier tal-vettura. Din tal-vittma tas-Sur Debono. Dak il-hin kont qed nixrob u ma kellhix idi fuq il-brakes ma lhaqtx waqaft. Il-verzjoni tax-xufier li hu Roderick Camilleri. Jien kont hiereg minn hemm, bqajt hiereg ghall-affari tieghi hsibt li ha jghaddi imbaghad ergghajt ktibt hrigt u ttawwalt li mhux gej xejn.' (fol. 50)

Dwar il-kundizzjoni tal-partijiet jghid li r-rikorrent kien qed iserrah mal-hajt tas-sejjieh, kien car li ferut, kellu d-demm niezel minn rasu u l-intimat kien normali ma deherx li kien imwegga'. Ma jafx kejjlux xi distanzi jew xi brejk marks. Fuq il-post kienet lahqet waslet il-mara tar-rikorrent ghaliex kien cempillha x-xhud stess. Mistoqsi dwar il-komportament tar-rikorrenti jien li kien naqra mhawwad tant li jiftakar li biex jghidlu n-numru tal-mara kien vera mfixkel u kellu jghidulu xi tlett darbiet biex ikun tajjeb. X'hin tah il-versjoni tieghu ir-rikorrenti dehrlu li kien car. Jghid li bejn wiehed u iehor distanza minn fejn kien bilqieghda r-rikorrent u r-orta kienet ta' xi 4 metri. Hu assista lis-surgenta fl-iskizz billi zammilha r-rutella. It-triq fejn sehh l-incident ma kinitx imserrpa

imma kellha 'slight bend'. L-incident sehh fuq it-tarmak. Ritratti kien ha imma kellu l-mobajl bil-hsara u tilifhom.

PC 398 xehed ukoll fil-proceduri kriminali esebita a fol. 302 tal-process odjern, xhieda datata 13 ta' Jannar, 2021. Jixhed li lir-rikorrent huwa kellmu qabel ma ttiehed l-isptar. Izid izda li r-rapport mhux hu kitbu imma s-surgent. Il-prime note hadhom hu ghax is-surgenta kienet ghadha ma waslitx. Jghid li x'hin ha l-*initial report* lir-rikorrent huwa 'kien ferut jidher ghajjien, bilqeghda ma' l-art.' (fol. 307).

Rat il-prime note ta' PC 398 esebiti a fol. 343 u 344 tal-process. Mal-kelma 'victim' huwa kiteb: 'Dak il-hin kont qed nixrob u ma kellix idi fuq il-brakes u ma lhaqtx waqaft.' Dwar id-Driver kiteb: 'Jien kont hiereg min hemm, bqajt hiereg ghall-affari tieghi hsiebt li ha jaddi. Hrigt u tawwalt li ma gie xejn'.

Illi l-versjonijiet tal-incident tal-partijiet mill-atti jirrizultaw kif isegwi:

Ghal dik li hija l-versjoni tar-rikorrent Jason Debono:

(i) Fir-rapport li sar mill-pulizija esebit a fol. 31 et seq tal-process jinghad li r-rikorrent Jason Debono sostna kif isegwi:

'Dak il-hin kont qed nixrob, ma' kellix idejja fuq l-brakes u ma' lhaqtx waqaft'.

Dwar din il-versjoni fl-atti l-Qorti rat li hemm divergenza kbira bejn il-partijiet. Ir-rikorrent Jason Debono jsostni li hu ma kienx f'kundizzjoni li jaghti l-ebda versjoni wara l-incident ghaliex kien

mitluf minn sensih u li mhux minnu li huwa ta dik il-versjoni. PC 398 David Mizzi jghid li dan kien kliem li qallu r-rikorrent qabel ma ttiehed l-isptar ghalkemm jammetti li r-rikorrent kien verament imfixkel tant li anki sabiex tah in-numru tal-mobajl tal-mara tah tlett numri diversi qabel tah it-tajjeb. Is-Surgent Erica Galea tghid li din il-versjoni tahilha PC 398 David Mizzi (fol. 47) meta hi waslet fuq il-post u r-rikorrent kien gia ttiehed bl-ambulanza. Mart ir-rikorrent ssostni li hi kienet marret fuq il-post fuq talba tar-ragel taghha u x'hin marret semghet lill-intimat jghid lill-pulizija David Mizzi sabiex jikteb dan il-kliem bhala l-versjoni tar-rikorrent ghalkemm ir-rikorrent lanqas kien qieghed fuq il-post. Tul is-smiegh tal-kawza r-rikorrent baqa' jinsisti li hu qatt ma ta dik il-versjoni u tant hu minnu li qatt ma ta versjoni fuq il-post li kienet cemplitlu s-surgent, sabiex meta jkun jista' jmur l-ghassa u jaghti l-versjoni tieghu dwar l-incident, versjoni li huwa ta xi tlett gimghat wara kif isegwi:

''Kont ghaddej fi triqti bir-rota, fit-triq li tghati min Hagar Qim sa Ghar Lapsi u meta hareg trakk min dahla fuq ix-xellug tieghi, minghajr ma' waqaf jew ikkalkulani. La taghni cans u wisq anqas taghni spazju biex nevitah, b'konsegwenzha li spiccajt tkaxkart ghal go fih.'

Is-Sur Debono kompla jghid li malli sar l-impatt huwa ma' kien jaf jew jiftakar xejn la jiftakar li kien hemm il-pulizija, la jiftakar li riekeb gol ambulanza ghaliex kien mitluf minn sensieh.''

Ir-rikorrent jixhed ukoll dwar dak li sehh dak in-nhar tal-incident fl-affidavit tieghu a fol. 67 et seq tal-process. Dwar l-incident jixhed kif isegwi:

‘1. Nhar it-Tlieta 11 ta' Lulju 2017, hrigt filghodu bir-rota mid-dar fl-Imqabba u gbidt lein l-inhawi ta’ Ghar Lapsi biex naghmel ftit training bir-rota.

2. Ghal xi tmienja u nofs ta' filghodu, hekk kif wara Wied iz-Zurrieq, qbizt it-telgha ta' Hagar Qim, u bqajt sejjer fit-triq principali direzzjoni lejn Ghar Lapsi, gieli maghrufa bhala Triq il-Panoramika jew Triq il-Wied, kif it-triq taqbad kemmxejn ghan-nizla titqammar lejn ix-xellug, tfacca truck minn speci ta' fetha ta' barriera li litteralment baqa' hiereg minn gol-imsemmija fetha minghajr ma waqaf u minghajr ma kkalkula jew icekkja jekk kienx gej xi hadd bhali fit-triq principali.

3. Malli rajt hekk minnufih ghafast il-brejkijiet tar-rota, izda t-truck baqa' hiereg biex bazikament ghalaqli t-triq kompletament.

4. Mad-daqqa' intlift minn sensija u ma niftakar xejn aktar ghal tul ta' hin. Niftakar li hin minnhom gejt temporanjament f'sensijja minhabba ugigh insopportabbli li tani f'widnejja u rajt nurse tal-ambulanza fuqi jilghab mal-helmet ta' rasi biex inehhihieli, izda ergajt intlift minn sensija. Minn hemm niftakarni nigi lura f'sensijja l-isptar fejn sibt it-tobba jikkurawni.

5. Hemmhekk bdejt ninduna bis-serjetà tal-griehi li kelli. Kelli l-qarquca ta' widnejja l-leminija mcarrta kwazi ghal kollox fin-nofs taghha, mimlija demm bil-hwejjeg b'kollox. Kien ried ihossni hazin kull darba li nhares lejha. Kelli l-gilda fuq in-naha ta' gewwa ta' minkbejja misluha ghal kollox, u kelli qata' tnixxi d-demm f'riglejja x-xellugija li kellha selha u kelli diversi tbengil u nefha ma' gismi kollu. Qed nannetti ftit ritratti tal-griehi tieghi (annessi u mmarkati Dok JD1 u Dok JD2). Ghalkemm kont gravi, ridt

naghmel mezz li ncempel lill-mara tieghi biex nghidilha x'gara halli ma tilhaqx tisma' minghand haddiehor jew mill-ahbarijiet u togghod tinkwieta u ridt nitlobha wkoll tmur tigborli r-rota peress li jien naf li dik mhux rota kwalunkwe imma rota tiswa' hafna flus, maghmula mill-carbon fibre biex tkun hafifa hafna. Fil-fatt hekk ghamilt.

6. Niftakar li wara certu hin l-isptar, il-mara tieghi giet hdejja u kien dak il-hin li I-mara tieghi rceviet telefonata mill-pulizija fejn saqsewha kif kont jien u talbuha tghidli biex kif inkun f'sikkti immur l-ghassa taz-Zejtun halli jkunu jistghu jiehdu I-verijoni tieghi peress li kien ghad ma kellhomx.

7. Sakemm domt l-isptar, fil-fatt anki jien ircevejt telefonata mill-pulizija jfakkruni mmur naghti l-verzjoni tieghi lilhom fl-ghassa taz-Zejtun.'

Jghid li ftit wara rnexxielu xorta wahda jtellaq fi *triathlon* barra minn Malta ghalkemm ma setax jaghmel wisq sforz. Izid li sal-lum ghadu jhoss il-qarquca ta' widnejh sensittiva, l-marka ta' qata f'widnejh u s-selha ta' jdejh ghadhom jidhru u kultant ihoss hlewwa ta' qalb f'widnejh fejn kellu l-qasma u l-punti. Huwa kien mar jaghti l-verzjoni tieghu xi tlett gimghat wara u kien hemmhekk li sar jaf li kien hemm versjoni ohra tieghu u jichad li kien hu li ta dik il-versjoni. Tant mhix vera dik il-versjoni li jsostni li mhux talli ma kienx qed jixrob izda hu fil-fatt ghafas il-brejk tant li fir-ritratti jidher marka tal-brejk u wkoll mill-qari li zamm il-GPS tieghu. Jghid li martu qaltlu li dak il-kliem kien l-intimat li qalu lill-pulizija ghaliex semghetu. Jaghmel referenza ghall-qari tal-GPS tieghu u jispjega kif dan juri li hu kien ghaddej bi speed ta'

43.5km x’hin ghafas il-brejk u mad-daqqa l-ispeed tieghu kien naqas ghal 9.4 km
per hour. Jghid li meta rega’ ghadda wara mill-post tal-incident sab li faccata tal-hrug tal-barriera kienet twahhlet mera li ma kinitx hemm dak in-nhar tal-incident. Jghid li xoghlu huwa fil-medicina kosmetika ghalhekk iwegghu il-fatt li huwa stess ghandu scars fuq wiccu u jdejh li huma permanenti u ma jista’ jaghmel xejn dwarhom.

Dwar id-danni materjali jixhed:

’Apparti l-griehi li sofrejt, jien kelli rota tas-ditta Orbea tal-materjal *full carbon fibre*, bis-ceramic customisation li spiccat taht ir-rota tat-trakk bil-frame immcaqqam f'zewg postijiet, it-tnejn in-naha ta' quddiem, ezatt wara l-furketta u wara l-pipa. Minhabba li hija mcaqqma, ir-rota tilfet il-lifetime guarantee taghha u allura, minbarra li hija perikoluza jekk wiehed jipprova jsuqha ghax jista icedi l-frame, tilfet ukoll il-valur kollu taghha. Il-helmet "Suomy" u n-nuccali spiccaw imkissrin u l-hwejjeg u z-zarbun imqattghin. Ir-rota kienet armata bil-pedali Garmin Vector li jkun fihom sensor li jibghat l-informazzioni lil GPS Garmin tieghi, li bl-impatt is-sensors tal-pedali ma bagghux jahdmu. B'kollox dawn jammontaw ghal EUR 10,727.72 kif tidher mill-istima li hareg l-agent Wheel Whizard (kopja annessa u mmarkata DOK JD9). Qed nannetti wkoll ir-ritratti annessi Dok JD10 sa Dok JD12) li juru t-ticqim fil-frame u rimijiet tar-rota, fil-helmet u fiz-zarbun.

18. Finalment, qed nannetti kopja tal-kundizzjonijiet tal-garanzija tar-rota li tghid li f’kaz ta’ traffic accident, il-garanzija tad-ditta Orbea tigi nulla (Dok JD 14).’

Rat ir-ritratti annessi mal-istess affidavit tal-griehi sofferti mir-rikorrent a fol. 70 et seq tal-process. A fol. 74 et seq esebixxa ritratti tal-lok fejn sehh l-incident wara li dan sehh meta twahhlet il-mera kif ukoll ritratti qabel ma saret il-fetha tal-barriera in kwistjoni u meta kien ghad ma hemmx il-mera. A fol. 76 gew esebiti ritratti mill-ajru li juri t-triq fejn sehh l-incident li kif jidher dan sehh ezatt mal-kurvatura ta' fuq tal-istess triq.

Ir-rikorrent Jason Debono jixhed in kontro-ezami a fol. 166 et seq tal-process. B'zieda ma dak li gia xehed aktar il-fuq jikkonferma li hu kien qed isuq bit-43 kilometru fis-siegha skond il-GPS tieghu. Karozzi ma kien hemm xejn fit-triq hlief it-trakk. It-triq hija two way u hu kien qed isuq fuq ix-xellug. Jghid li kien qed isuq l-aktar metru u nofs il-boghod mill-hajt tax-xellug. Skont ir-rikorrent meta ra t-trakk kien qieghed tul erba' jew hames karozzi l-boghod. Mistoqsi xi jrid ifisser bil-kelma 'tfacca' jghid li kien hemm dahla fuq ix-xellug u rah beda hiereg u baqa hiereg, kien ha jdur lejn in-naha tieghu u litteralment qasam it-triq it-tul kollu taghha. Malli ra hekk hu ghafas il-brejk salv dak li jsejjah 'reaction time'. Skond il-GPS huwa beda jibrejkja minn ghoxrin metru l-boghod mit-trakk. It-triq kienet ghan-nizla u skonthu allura l-brejkijiet jahdmu kontra tieghek. Jghid li ghafas is-sahha kollha tal-brejk imma ma setax jieqaf qabel u waqaf mad-daqqa. Mal-impatt huwa kien naqqas ghal 9 kilometri fis-siegha. Mistoqsi kif kien posizzjonat it-trakk mal-impatt jghid li dan kien kontra t-triq, ghalaq kompletament it-triq b'dana li hu ma seta jghaddi la minn gewwa lanqas minn barra. It-trakk kien naqra zghira mgenneb minhabba li kien ser idur lejh. Fejn habtet ir-rota mat-trakk xorta baqghu fuq il-*lane* tax-xellug. Ir-rota habtet mat-tieni rota tan-naha tal-lemin tat-trakk. Izid li mad-daqqa huwa nesa kollox. Dwar kif sehh l-incident jghid:

'Le, jien li niftakar huwa li jiena niezel, it-trakk baqa hiereg, ma waqafx imma litteralment baqa hiereg, ibbrejkjajt u pruvajt nevitah. Sa hemmhekk niftakar. U mbaghad niftakar thoss qisu dalma u dak kollox.' (fol. 171)

Waqt ix-xhieda r-rikorrent juri lil din il-Qorti kif preseduta l-marki li baqalu fuq widnejh u jdejh konsegwenza tal-griehi li garrab dak in-nhar tal-incident. Jikkonferma li r-rota li kien qed juza hija wahda tat-tlielaq. Hdax-il gurnata wara huwa ha sehem f'tellieqa. Mistoqsij ekk qattx kiteb lill-pulizija biex ibiddel il-versjoni tieghu jghid li le. Dwar il-hsara fir-rota jghid li din hija maghmula mill-*carbon fibre* u dan ma jissewwiex. Ir-rota damet xi sentejn, tlett snin ghand tar-roti *total loss* izda hadd ma mar jaraha, mbaghad tahilu u hadha d-dar. Ir-rota kien xtraha is-sena ta' qabel minghand l-istess Wheel Wizard. Ir-rota waheda swietu fuq tmint-elef Euro (€8,000). Wara zidilha xi affarijiet u telghet ghal xi hdax-il elf (€11,000) b'kollox. Mir-rota ma ha xejn ghaliex kemm il-frame, kemm ir-rimmijiet kif ukoll *ceramic speeding* inkissru, m'hemm xejn x'tiehu mir-rota. Mistqosi jekk kellimx xi hadd indipendent biex jaghmel survey tar-rota jghid li huwa kellem lil Edward tal-Wheel Wizard u dan qallu car u tond li jekk ir-rota tkun involuta f'incident il-valur taghha jigi zero. Mistoqsi jekk xtarax rota ohra, jghid li le ghaliex kellu ohra u qed juza lilha.

A fol. 265 et seq giet prezentata ix-xheida tar-rikorrent Jason Debono moghtija fl-atti kriminali fil-konfront ta' Roderick Camilleri datata 10 ta' Mejju, 2019. Jaghmel referenza ghal ritratti esebiti minnu fl-atti kriminali u jinsisti li l-barriera infethet ftit qabel l-incident. Jaghmel ukoll referenzza ghal ritratti mehuda minnu u li skonthu juru li ftit wara l-incident inkitbu l-kliem 'slow' qabel id-dhul tal-istess barriera fit-triq (ara ritratti a fol. 351 u 352 tal-process). Dawn il-marki ma kienux fit-triq dak

in-nhar li sehh l-incident. Jinsisti li hu ma jiftakarx li kellem lill-pulizija qabel haduh bl-ambulanza u li l-ewwel darba li tkellem mal-pulizija kien fl-ghassa taz-Zejtun wara l-incident. Jghid li hu ma qalx id-diskors li kien qed jixrob jew li ma kienx qed ihares. Hu kien mitluf minn sensih u ma jiftakar xejn qabel dahal l-isptar. Mistoqsi x'jiftakar minn dak l-incident jghid:

'Li weggajt hafna, dak il-hin qisu gejt naqra zghira f'sensija rajt wicc in-nurse, u ma niftakar xejn iktar ghax imbaghad qisu ergajt intlaqt.'

Mistoqsi kif sehh l-incident jghid:

'Bazikament kif qbizt, hemm qisu telgha tal-Imnajdra u qbadt in-nizla qisu li taqbad lejn Ghar Lapsi, hin minnhom minn dahla fuq ix-xellug baqa' hiereg truck . . .truck kbir hafna. Truck tal-gebel . . . u basikament ghalaqli t-triq . . . ghax hu baqa' hiereg minn god-dahla, u jien kont ghaddej fid-dritt, ma kellix cans bazikament nevitah.' (fol. 277)

Huwa kien gej fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Wara li baqa diehel go t-trakk ma jiftakar xejn u jiftakar li qam u kien l-isptar. Il-pulizija kellmuh wara meta rcieva telefonata sabiex imur l-ghassa taz-Zurrieq biex jaghti l-versjoni tieghu. Ma jiftakarx li fuq il-post tal-incident marru l-pulizija. Lill-intimat ma jgharfux bilqieghda waqt is-seduta. Jinsisti li l-pulizija qalulu li jrid imur jaghti l-versjoni tieghu ghaliex ma kellhomx.

Dwar it-ticrita f'widintu jghid li qata' l-punti wara ghaxart'ijiem u baqghet tfieq bil-mod. Jghid li l-marka ma marritx ghal kollox u kultant tugaw xi ftit. Ghamel gimgha ma jmurx ghax-xoghol wara l-incident.

Izid li fir-ritratti jidhru il-brejk marks tar-rota tieghu. Jghid li malli ra t-trakk l-ewwel haga li ghamel kien li ghafas il-brejkijiet bis-sahha. Jaf li l-kabina tas-sewwieq fit-trakk kienet fuq in-naha tax-xellug ghaliex sar jaf mir-rapport tal-pulizija mhux ghax rah dak il-hin. Hu dak il-hin tal-incident ma rahx lis-sewwieq. Jinsisti li l-brejk mark li jidher fir-ritratti sejjer ghad-dritt. Jikkonferma li lill-intimat ma rahx hiereg bi *speed* izda 'semplicement baqa' hiereg' (fol. 288). It-triq hija zewg *lanes* kontra xulxin. Hu kien qed isuq fil-karreggjata tax-xellug. Mistoqsi f'liema parti tal-karreggjata kien jghid li kien fil-karreggjata tieghu, ir-rota hija meqjusa bhala vettura u l-importanti li kien fil-karreggjata tieghu. Anki wara l-impatt ir-rota baqghet sew fil-karreggjata tax-xellug. Mistoqsi xi lbies protettiv kien liebes jghid li kien liebes in-normali, *helmet*, hwejjeg tieghu kollox. Bhala *helmet* dejjem juzaha l-aktar wahda protettiva liema *helmet* dakinhar inkisret. Mistoqsi x'kien qed jaghmel qabel ra t-trakk jghid li kien qed isuq ir-rota u jichad li kien qieghed jixrob. Jghid li l-flixkun probabbli tar mill-*gauge* tieghu. Mistoqsi l-kurvatura hiex qawwija jghid :

'Mhix qawwija imma bhala dan ir-ritratt hemm hafna sigar li jghattu kompletament id-dahla tal-barriera. U l-iktar parti qrib li n-naha tal-barriera jew it-truck jidher hiereg minn hemmhekk huwa t-tul ta' erba' karozzi.'

Mistoqsi kienx hemm xi sinjali li juru li gejja barriera jghid li ma kienx hemm xejn, lanqas mera u li dik il-barriera infethet xi gimgha qabel. Ghalkemm dik it-triq hija rotta tieghu kien ghadu ma jafx bil-barriera. Qabel ma brejkja kien ghaddej bl-erbghin (40) kilometru. Jinsisti li malli ra t-trakk ibrejkja tant li nizel ghal disa' (9) kilometri fis-siegha mal-impatt u jghid li n-nizla tahdem kontra tieghu. Jghid ukoll li jaf kif tirrispondi r-rota tieghu meta jibrejkja.

Dwar id-daqqa jghid li jkun sincier u ma jiftakarhiex. Jikkonferma li ghaxart'ijiem wara ghamel it-*triatlon* imma m'ghamilx trejning qabel.

Illi ghal dik li hija l-**versjoni tal-intimat Roderick Camilleri:**

(i) Fir-rapport li sar lill-pulizija *a tempo vergine* huwa jghid:

'Jien kont hiereg mill-barrier ittawwalt li ma' kien gej xejn, hrigt ghall-affari tieghu u mbaghad sibt lil tar-rota u hsibt li ha jilhaq jghaddi. Fejn qal ukoll li huwa kien ra lix-xufier tar-rota bil-flixkun tal-ilma, u kif ukoll sab il-mobile ma' tyre tat-truck. Kompli jghid ukoll l-imsemmi truck li beda jsuq huwa left hand driver u li kompla jghid li dik taghmel differenza kbira.'

A fol. 156 jinsab esebit l-affidavit tal-intimat Roderick Camilleri fejn dwar l-incident jixhed kif isegwi:

'1. Fil-11 ta' Lulju 2017, jiena kont qieghed insuq it-trukk bin-numru ta' registrazzjoni CAF 534, liema vettura hija proprietà tal-kumpannija Sier & Sons Limited ma min kont u ghadni nahdem bhala xufier. Filghodu, ghal habta tad-9.30am, jiena kont gej mid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq fejn il-kumpannija kienet qieghda taghmel xoghol ta' kostruzzjoni. Dak il-hin, kont intlabt immur go barriera maghrufa bhala "Tal-Maghlaq" li tinsab fil-limiti tal-Qrendi (Triq il-Wied) sabiex inbattal il-materjal u nerga lura lejn Bahar ic-Caqghaq.

2. Jiena ghalhekk wasalt gol-barriera li tinsab fi triq imwarrba, fil-kampannja. Dhalt gol-barriera u procedejt sabiex inbattal it-trukk. Dan naturalment il-gewwa mid-dahla tal-barriera.

3. Hekk kif lestejt dan il-process, dhalt gol-kabina u bdejt insuq lejn il-hrug tal-barriera. Kif wasalt bi dritt il-grada, waqaft, harist fizikament kemm fuq in-naha tax-xellug kif ukoll fuq in-naha tal-lemin. Ghandi nghid illi, fuq in-naha tal-lemin tieghi hemm liwja izda jiena stajt nara dak li kien hemm sal-liwja. Qieghed nesebixxi u nimmarka bhala Dok. RC1 estratt minn Google Maps illi juri din il-parti tat-triq. Ix-xatba illi tidher fuq in-naha tal-lemin tar-ritratt hija d-dhul u l-hrug ghall-barriera. Nghid ukoll illi t-triq hija daqxejn, ghat-telgha ghaliha. Fil-fatt, fiz-zewg direzzjonijiet ma kien hemm assolutament xejn.

4. Kif rajt hekk, jiena bdejt hiereg bil-mod, bl-intenzjoni illi ndur lejn il-lemin. Jidhirli li kont fuq it-tieni gear tat-trukk u dan ghaliex, normalment, jiena naqla' fuq dan il-gear.

5. Minhabba l-konfigurazzjoni tat-triq, jiena kelli nibda nohrog ghad-dritt, it-tul tat-trukk kollu, imbaghad nibda nilwi lejn il-lemin. Dan naturalment bil-mod hafna; anke ghaliex it-trukk vojt jizen madwar sbatax-il tunnellata. F'dan il-process, jiena bqajt inhares madwari u t-triq baqghet vojta.

6. Hekk kif bdejt nilwi lejn il-lemin, fejn kont sahanistra dhalt fil-lane tieghi, rajt lil persuna gej min-naha tal-lemin tieghi, isuq rota bis-sahha. Nikkalkula li kien il-boghod minni tul ta' madwar nofs tul ta' trukk meta rajtu. Nghid ukoll illi r-rota kienet qieghda tinstaq ghaz-nizla u ghalhekk il-velocità tizdied.

7. Ir-rota kienet posizzionata b'tali mod illi kienet qieghda ssuq fin-nofs taz-zewg lanes. Lanqas tani cans indoqq il-horn meta baqa' diehel fit-tieni rota leminija. Jiena fil-fatt, mill-kabina, smajt daqqa sew.

8. Inzilt mill-kabina fejn rajt ix-xufier mal-art. Rajt li kien hemm id-demm mal-art u ghalhekk cempilt mill-ewwel ghall-ambulanza. Sakemm giet l-ambulanza, ix-xufier qamm mill-art wahdu u mar bil-qieghda fug kantun mal-genb tat-triq.

9. Ma sar l-ebda diskors bejnietna ghajr illi stajsejtu jekk kellux bzonn hi haga.

10. L-ewwel gew il-pulizija u, ftit minuti wara, giet l-ambulanza. Niftakar illi l-pulizija avvicinaw lix-xufier tar-rota sabiex jiehdu I-versjoni tieghu ta' kif sehh l-incident imbaghad ittiehed I-isptar permezz tal-ambulanza. Jiena kont ma' genb il-pulizija meta sar dan il-process u smajt lix-ufier jghidilhom illi huwa kien qieghed jixrob waqt li kien qieghed isuq ir-rota ftit sekondi qabel ma sehh l-impatt. Imbaghad il-pulziija hadu I-versjoni tieghi.'

Rat ir-ritratt esebit mill-intimat a fol. 158 tal-process li juri x-xatba fuq in-naha tal-lemin minn fejn hareg hu bit-trakk u t-triq li tmur ftit ghal-liwja minn fejn kien gej ir-rikorrent.

Rat li l-intimat xehed fil-proceduri kriminali nhar it-3 ta' Dicembru, 2020 esebita a fol. 311 tal-process odjern. Dwar kif sehh l-incident jghid li kien heiereg il'barra waqaf fil-*gate* biex jara jekk hux gejjin karozzi, huwa ried idur fuq il-lemin. It-triq qabel il-hrug mill-barriera hija dritta u hemm distanza twila. Jghid li kif rah lanqas cans itambar ma kellu. Waqaf mal-kantun u hares u ma ra lil hadd u beda jaqla bil-mod bit-trakk bi 18 *speed* u kien qieghed fuq is-*second.* Dak il-hin it-trakk kien vojt. Huwa hu hiereg f'sekondi ra lil xi hadd b'rota u sema' id-daqqa u waqaf mill-ewwel. Jghid li fuq in-naha tal-lemin ma kellux aktar fejn jaghfas minhabba l-hajt tal-*gate.* Jghid li huwa sema' d-daqqa u

zamm bi dritt. Huwa kull ma sema' daqqa. Mad-daqqa nizel minn gewwa trakk ghaliex ir-rota ra ftit sekondi u x'hin sema d-daqqa nizel u ra lir-rikorrent mat-*tyre* tar-trakk ta' wara t-tank tad-*diesel*. Ma kien hemm xejn x'jghinu hu u hiereg biex jara hux gejjin karozzi jew le. Jghid li lir-rikorrent beda jghajjatu biex jara jekk hux orrajt izda ma kellmux u kien jidher mugugh. Fil-frattemp lahaq wasal l-imghallem tieghu Frankie Zammit. Sa dak il-hin ir-rikorrent lahaq qam bilqieghda u waslu l-pulizija. X'hin waslu zewg pulizija rgiel rahom ikellmuh izda ma kienx vicin u jghid li ma semax. Huwa ma kellux griehi izda kellu xokk kbir. Jerga jikkonferma li huwa ma semax lir-rikorrent ikellem lill-Pulizija. Huwa nesa x'qalulu l-pulizija dwar kif sehh l-incident ghaliex kien taht xokk. L-ghada ccekkja mal-ghassa li r-rikorrent kien intbaghat lura d-dar. Mistoqsi x'hin ra lil tar-rota jghid li huwa rah x'hin kien wasal mieghu ezatt. Mistoqsi dwar il-versjoni tieghu fir-rapport tal-pulizija fejn qal li haseb li ser jilhaq jghaddi jghid 'imma vicin tieghi rajtu jien . . . . Ftit metri l'boghod hux.' (fol. 329). Mistoqsi kif haseb li ser jghaddi jghid 'Imma jiena kont fuq sidi' (fol. 330). Mistoqsi fejn ra r-rota jghid li f'nofs ta' triq. Mistoqsi x'rah jaghmel lir-rikorrent jghid li rah ghaddej isuq u li kien gej isuq narra mhux hazin. Hu kien ghat-telgha. Ghajr li kien qed isuq ir-rota ma jiftakarx x'kien qed jaghmel ir-rikorrent.

Rat ix-xhieda in kontro-ezami ta' Roderick Camilleri a fol. 446 et seq tal-process. Jaqbel li faccata ta' minn fejn hareg hu hemm cint baxx tas-sejjieh u ghalqa warajh. Jikkonferma li t-trakk li kien qed isuq kien *left hand drive* allura l-*isteering* kien fuq in-naha opposta ta' lil fejn ried idur. Jghid li x'hin sehh l-incident huwa kien lahaq idritta t-trakk. Jikkonferma li ma kien hemm hadd jghinu biex johrog mill-barriera u lanqas talab li jghinu xi hadd. Lir-rikorrent rah gej mill-*windscreen*. Jaqbel li t-tul tat-trakk jaghlaq il-wisa' kollha tat-triq. Jaqbel ukoll li t-trakk kellu erba' roti doppji fuq

quddiem li jduru mal-*isteering* u erba' roti doppji fuq wara. Jaqbel li l-incident sehh mat-tieni rota ta' fuq quddiem li ddur mal-*isteering*. Mistoqsi jekk hux minnu li ra lir-rikorrent jixrob jew le jghid li nesa. Jichad izda li dan il-kliem qalulu l-pulizija. Jghid li l-verita' hija li sema' lir-rikorrent u l-pulizija jitkellmu ghalkemm fix-xhieda quddiem il-Qorti Kriminali xehed li kien il-boghod u ma semax. Mistoqsi ghalfejn ma semmiex lill-imghallem Frankie Zammiit fl-affidavit tieghu jghid li suppost semmieh.

Rat **a fol. 88 et seq l-affidavit ta' mart ir-rikorrent Mary Anne Debono** li izda tghid li hi ma kinitx prezenti ghall-incident u marret fuq il-post wara:

'2. Dwar incident li sehh nhar il-11 ta' Lulju 2017, jiena nghid li sirt naf bl-incident permezz ta' telefonata minghand ir-ragel tieghi stess li niftakar kien cempilli qalli li tajru trakk, pero qalli biex ma ninkwetax ghax kienu haduh I-isptar bl-ambulanza u talabni mmur nigbor ir-rota minn x'imkien vicin Hagar Qim.

3. Jien tlaqt mill-ewwel lejn Hagar Qim u ghaddejt min-naha tad-Dar tal-Providenza fid-direzzioni lejn Hagar Qim. F'mument minnhom sibt trakk wieqaf li kien angolat qed jimblokka t-trig minn hrug ta' barriera. Kelli nwaqqaf il-karozza u nimxi minn hdejn il-kantuniera tieghu biex nagbzu. Kif qbizt it-trakk, hadt qatgha kbira hekk kif rajt ir-rota sewda tar-ragel tieghi mghaffga mar-rota tat-trakk u ghadira demm magenbha.

4. Bdejt interter u nibki u saqsejt lin-nies li kien hemm jafux jghiduli dak id-demm minn fejn kien hareg. Hadd ma kien jaf jaghtini risposta avolja fuq il-post kien hemm dak li wara sirt naf li hu x-xufier, zewg pulizija rgiel u pulizija mara.

5. Dak il-hin ersaqt mac-cint nibki u kien hemm pulizija minnhom li qed jikteb xi haga. Ix-xufier tat-trakk kien qed jghid lill-pulizija biex jikteb "dak il-hin kont qed nixrob u ma kont qed inzomm il-brake" u I-pulizija saqsieh "nikteb hekk?" u x-xufier wiegbu iva.

6. Imbaghad il-pulizija dar fuqi u saqsieni x'nigi minn Jason u wara li ghidtlu li jien mart Jason, talabni d-dettalji ta' Jason, fosthom l-indirizz u t-telephone number tieghu. Talabni wkoll in-numru tal-mobile tieghi ghax qalli li jekk ikollhom bzonn ikunu jistghu jikkuntatjawni. Kif tajtu d-dettalji, qalli biex nitlaq u li ma kellix ghalfejn nibqa' hemm imma mmur hdejn Jason l-emergenza l-isptar.

7. Staqsejthom x'ser jigri mir-rota u l-pulizija qaluli li jikkuntattjawni huma wara li ssir l-inkjesta u nigborha mill-ghassa.

8. Ftit sekondi qabel ma tlaqt, hadt ftit ritratti tat-trakk u tar-rota u tal-brake marks tar-rota u tlaqt nigri lejn l-isptar (kopja tar-ritratti annessi u mmarkata Dok MAD1 u Dok MAD2).'

Tghid li x'hin marret l-isptar cemplulha mill-ghassa taz-Zejtun sabiex jistaqsuha kif kienet il-qaghda ta' Jason u sabiex meta jkun f'sikktu jmorru l-ghassa peress li ma kellhomx il-verzjoni tar-rikorrent. Izzid li damu gimghat sakemm irnexxilehom jaghmlu appuntament biex imorru l-ghassa. Cemplula biex tigbor ir-rota u qalulha li ma kinitx saret l-inkjesta. X'hin fir-rapport rat il-kliem li ma kien qed jixrob u ma ghafasx il-brejk tghid li gibdet l-attenzjoni

tar-rikorrent li dak il-kliem kien ix-xufier tat-trakk li qalu lill-pulizija.

A fol. 379 tal-process giet esebita x-xhieda ta' mart ir-rikorrent Mary Ann Debono datata 13 ta' Frar, 2020 fl-atti kriminali. Tghid li fuq il-post l-intimat staqsiha ghalfejn kienet qed tinkwieta ghar-rota u qaltlu li dik tiswa ghaxart'elef Euro (€10,000) u kienet imkissra. Hija tghid li quddiemha kien l-intimat li qal lill-pulizija biex jikteb li hu kien qed jixrob u nhasad u ma lahaqx ghafas il-brejk. Tghid li l-pulizija staqsa lix-xufier tat-trakk x'ser jikteb. Tghid li meta cemplulha lilha ir-rikorrent kien gia qieghed l-isptar. Lix-xufier tat-trakk ma kinitx tafu qabel. Tghid li x'hin semghet lix-xufier jghid hekk lill-pulizija hi ratha stramba imma tghid li bdew ikeccuha u jghidulha int x'qed taghmel hawn u biex tmur l-isptar fejn ir-rikorrent. Tikkonferma li kienet hi li hadet ir-ritratti dak in-nhar tal-incident kemm fuq il-post kif ukoll l-isptar tal-griehi tar-rikorrent.

Rat ir-ritratti tal-vettura u r-rota wara l-incident esebiti a fol. 90 tal-process fejn tidher ir-rota tar-rikorrent maqbuda taht it-tieni rota fuq in-naha tal-lemin tat-trakk. Jidher ukoll demm mal-art fuq wara tar-rota. Rat ukoll li fir-ritratti a fol. 91 jixher aktar car brejk mark imholli mir-rota tar-rikorrent. Rat ukoll li l-marka tal-brejk tidher fuq in-naha tax-xellug tat-triq u li l-habta sehhet ukoll fin-naha tax-xellug tat-triq ghalkemm it-trakk kien qed jaghlaq it-triq stante li kien kwazi dritt.

Rat ir-**rapport tal-Inginier Jean Paul Azzopardi** esebit fl-atti kriminali fil-konfront tal-intimat bid-data tas-6 ta' Dicembru, 2021 a fol. 159 et seq tal-process. Huwa jipprova jaghmel rikostruzzjoni ta' kif sehh l-incident anki stante li kellu f'idejh il-qari tal-GPS tar-rikorrent odjern. Isostni li hemm probabilta' li s-Sur Debonu uza

biss il-brejk ta' wara. Jghid li l-brejkijiet tar-rota kemm dawk ta' quddiem u anki ta' wara jigu operati bl-idejn u jikkonkludi li r-rikorrent ma utilizzax il-'breaking capacity' kollha li kellu a disposizzjoni tieghu. Jikkonkludi wkoll li skont il-kalkoli tieghu ir-rikorrent intebah bit-trakk f'distanza ta' madwar 39 metru l-boghod mill-punt tal-impatt. Fir-rapport tieghu jassumi li l-intimat waqqaf it-trakk kompletament qabel hareg fit-triq u jikkalkula li lahaq hareg madwar 8.3 metri sakemm sehh l-impatt. Skont dan ir-rapport, x'hin it-trakk hareg ghal got-triq ir-rota kienet 76.73 meteri l-boghod mill-impatt b'dana li rizultat tal-ghamla tat-triq ix-xufier tat-trakk ma setax jara r-rota riesqa lejh. Jannetti ritratti mill-ajru biex juri id-direzzjoni tat-trakk u tar-rota fit-triq u fejn sehh l-impatt, apparti l-konfigurazzjoni tat-triq a fol. 165.

Rat li l-Inginier Jean Paul Azzopardi xehed fl-atti odjerni a fol. 180 et seq tal-process. Jghid li r-rapport hu ghamlu fuq inkarigu tal-avukat tal-intimat u sar originarjament ai fini tal-proceduri kriminali. Beda jaghmel ix-xoghol ta' espert fuq dawn l-incidenti tat-traffiku fis-sena 2016 jew 17 u dan ir-rapport ghamlu fis-sena 2021.

Rat rapport iehor tal-Inginier Jean Paul Azzopardi a fol. 198 et seq tal-process li din id-darba jgib id-data tal-14 ta' Settembru, 2021 u wkoll fl-atti tal-proceduri kriminali. F'dan ir-rapport il-konkluzjonijiet tieghu huma kif isegwi:

'Is-sottoskritt ghaldaqstant qieghed jikkonkludi li

1. Is-sur Debono ha madwar 4 Sekondi u 30.22 metri sabiex waqaf totalment.

2. Is-sur Camilleri ha Madwar 3.6 sekondi u 3.85 metri sabiex waqaf totalment.
3. Mil-kalkoli u d-'data' provduta jidher bic-car li s-sur Debono kellu deceleration rate ta 2.5m/s' filwaqt li deceleration rate ta rota f'emergenza tkun ta' medja ta madwar 5.5 m/s2. Dan juri kif is-sur Debono ma uzax il-kapacitajiet kolla ta braking disponibbli ghalih u ghaldaqstant dan ikkontribwixxa ghal impatt bejn ir-rota u t-trakk.'

Rat u hadet nota tad-dokumentazzjoni annessa din id-darba mar-rapport in sostenn tal-istess rapport.

Rat il-kontro-ezami tal-Inginier Jean Paul Azzopardi a fol. 237 et seq tal-process. Jikkonferma li hu kien imqabbad mill-intimat jaghmel ir-rapport u li hu ma kellimx lir-rikorrent u lanqas lill-Avukat tieghu qabel ma ghamel ir-rapport. Jghid li fl-analizi tieghu huwa strah fuq l-aktar rota vicina ghal dik tar-rikorrent. Jaqbel izda li fil-klakoli jaffettwa l-piz tar-rota, l-hxuna tat-*tyre* u l-piz tas-sewwieq u jaqbel li dawn l-affarijiet hu ma ccekjahomx. Ukoll l-*averages* li hadem fuqhom hu kienu rizultati ta' *testing* li sar on *'smooth dry asphalt'* f'California u wkoll mhux f'kuntest ta' emergenza. Fl-istudju ma tidholx dik il-parti tal-*braking distance* li f'incident parti tiehu biex tirrealizza li hemm bzonn li tieqaf. Dwar marki tal-brejk jghid li ma jidhirlux li kien hemm marki tal-brejk tar-rota. Hu ma marx fuq il-post ghaliex gie mqabbad jaghmel ir-rapport diversi snin wara. Jghid izda li meta tibrejkja kif ghamel ir-rikorrent ghandek thalli marka tal-brejk. Dwar it-trakk jghid li ma kellux *data* u allura fir-rapport tieghu assuma t-trajjettorja tat-trakk u wkoll li t-trakk kien *standstill* mall-incident. Jaqbel li t-*tyre* tar-rota tal-intimat inqabdet taht ir-rota tat-trakk u li f'dan il-kaz allura t-trakk kien ghadu miexi. Jaqbel li r-rikorrent zamm il-brejk ghaliex kien hemm *deecleration*. Jghid li tar-rota

kien ghaddej bil-45 kilometri fis-siegha u zamm brejk ta' 30.32 metri. Ma jistax jghid jekk tistax izzomm dan il-brejk minghajr ma tillokkja l-brejk ta' wara wkoll. Jaqbel li l-istudju li ghamel referenza ghalih ma jaghmilx differenza bejn trakk li ghandu erba', sitta, tmienja jew tnax-il rota. Skont hu in-numru ta' roti ma jaghmilx differenza fl-accelerazzjoni izda fid-dicelerazzjoni jaghmel differenza ghax ikollok aktar 'braking capacity'. Jghid li skont hu it-trakk qabad jibbrejka 3.6 sekondi qabel l-impatt u sabiex jaghmel dan il-kalkolu jassumi li t-trakk kien wieqaf qabel ma qala ghal go t-triq. Dwar il-posizzjonijiet tat-trakk u r-rota jsostni li l-'point of impact' kien not ghalih il-bqija huma abritrarji da parti tieghu fuq l-informazzjoni li kellu. Jaqbel ukoll li fuq il-mappa prezentata minnu il-punt minn fejn beda jibrejkja t-trakk mhux immarkat. Skont hu meta x-xufier tat-trakk beda jibrejka ir-rota kienet madwar 26 metru l-boghod.

L-Inginier Jean Paul Azzopardi rega' xehed quddiem din il-Qorti nhar il-5 ta' Lulju, 2023 esebita a fol. 425 et seq tal-process. Huwa jesebixxi d-dokumentazzjoni li fuqha hadem ghar-rapport tieghu a fol. 390 et seq tal-process. Tingibed l-attenzjoni tax-xhud li bejn il-kopji tar-rapporti esebiti fl-atti hemm divergenza fit-tielet konkluzjoni tal-istess rapport. Jammetti li hemm zball izda li mhux intenzjonat. Jinsisti li rapport wiehed hemm u dak korrett huwa li ghandu t-tielet konkluzjoni fih. Jinsisti li konkluzjoni wahda hemm ghal rapport wiehed. Jaqbel li l-konkluzjonijiet fir-rapport tieghu jiddependu fuq l-ipotezi tieghu li t-trakk kien wieqaf x'hin sehh l-incident.

**A fol. 373 tal-process giet esebita x-xhieda ta' Frankie Zammit**, l-imghallem tal-intimat moghtija nhar it-13 ta' Jannar, 2021 fl-atti kriminali. Jghid li huwa hareg wara l-incident u kellem lir-rikorrent. Izid li tah l-ewwel ghajnuna u kellu u qalli li tort tieghu

ghax kien qieghd jixrob u ma kienx qed ihares lejn it-triq. Qallu li ma kienx qieghed mohhu fit-triq ghaliex kien qed jixrob. Qallu li ma gara xejn, qam bil-wieqfa u poggewh mal-art fil-genb biex m jhallihx mghawweg ganc magenb it-trakk. Wara gew il-pulizija. Meta wasal hu r-rikorrent kien ghadu mal-genb tat-trakk. Mal-art ra flixkun u mobajl. Kien hemm lavrant iehor mieghu Ryan Azzopardi.

**Allegati danni:**

Rat ir-rapport mediku ta' Mr. Francis X. Darmanin a fol. 77 et seq tal-process redatt fuq talba tal-istess rikorrent u li jgib id-data tat-2 ta' Marzu, 2018. Huwa jikkonkludi kif isegwi:

'The scar on the right ear sustained by Dr. Jason Debono is of a permanent nature. He is conscious of the shape of the ear which is not symmetrical with that on the left side. This tends to affect him psychologically especially when meeting people as part of his profession as a medical doctor.

Although the pigmented area on the medical aspect of his right forearm can be covered up with long sleeves, this again may not be possible during the course of his daily routine.

In view of the above physical trauma sustained from the motor vehicle accident that occurred on the 11th July 2017, I rate Dr. Jason Debono's permanent disability as:

(a) Scar and contour defect right ear - 1.5%

(b) Area of pigmentation right forearm - 0.5%

(c) Scar on right hip - 0%.'

**A fol. 145 Mr. Darmanin jixhed permezz ta' affidavit u jsostni kif isegwi:**

'Li ezaminajt ill-Dr. Jason Debono (ID no.: 0402977M) nhar it-Tnax ta' Frar 2018, u sibt li kien isori minn merk ("scar") fuq widintu l-leminija, marka fuq dirajh tal-lemin, w ohra zghira fuq genbejh tal-lemin ukoll. Il-gerha ta' widintu hija ta' natura gravi, filwaqt it-tnejn l-ohra huma ta' natura hafifa.
In-natura ta' dawn il-griehi hija kif deskritta fic-certifikat mehmuz.'

Mr. Darmanin xehed in kontro-ezami a fol. 183 et seq tal-process. Jghid li l-ispecjalizzazzjoni tieghu hija dik ta' *plastic surgery* u jikkonferma li ezamina lir-rikorrent nhar it-12 ta' Frar, 2018 u dak in-nhar kien l-ahhar li ra lir-rikorrent bhala tabib. Jaqbel li mid-data tal-incident sad-data tar-rapport kienu ghaddew biss ftit xhur. Ma jistax jghid kif zviluppat ic-cikatrici fuq ir-rikorrent wara dik id-data. Ix-xhud jezamina lir-rikorrenti fl-awla stess quddiem din il-Qorti u jghid li c-cikatrici ghadha tidher ftit fuq il-parti ta quddiem tal-widna tal-lemin. It-tul tac-cikatrici ta' 60mm tibqa dejjem l-istess. Partijiet minnha marru ghall-ahjar ohrajn le. Jghid li generalment jistennew sentejn biex jaraw fejn tkun waslet cikatrici wara dak iz-zmien mhux ser tmur ghall-ahjar. Jikkonferma izda li hu ra lir-rikorrent f'anqas minn sena wara li sehh l-incident. Ma jistax jghid izda c-cikatrici kif kienet meta ghamel ir-rapport jekk kinitx ahjar, jew aghar ghaliex ghadda hafna zmien. Jikkonferma li c-cikatrici tidher meta tkun vicin hafna. Dwar ic-cikatrici fl-id jghid li din generalment tmur ghall-ahjar ghaliex il-feriti superficjali jfiequ pero 'jista' jaghti l-fatt li jigu 'pigmented' cioe' bil-kulur dan izda ma jistax jikkonfermah

fuq ir-rikorrent. Dwar jekk hemmx il-possibilita' li jsir intervent fil-widna tar-rikorrent jghid li m'hemmx garanzija li din tigi ahjar jew aghar milli hi u fil-kaz tar-rikorrent ma jirrakomandax tali procedura ghaliex ic-cikatrici hija accettabbli ghalih. Jghid illi r-rapport tieghu sar bl-intendiment li r-rikorrent ha jiehdu ghand is-socjeta ta' assigurazzjoni u l-istorja tieqaf hemm. Jaqbel li fir-rapport tieghu ma ndikax li ried jerga' jara lill-pazjet mal-iskadenza tas-sentejn mill-incident. Jikkonferma li kienet is-socjeta' ta' assigurazzjoni li talbet ir-rapport lir-rikorrent w'ghalhekk mar ghandu.

Rat il-kwotazzjoni ghar-rimpjazzar tar-rota tar-rikorrenti u l-extras li kellu fuqu u li nkisru dak in-nhar tal-incident a fol. 81 tal-process mahduma minn *Wheel Wizard bikes and more* fis-somma ta' €10,727.72. Rat ukoll ir-ritratti tal-hsara li rrizultat konsegwenza tal-incident fl-istess rota a fol. 82 et seq u l-kopja tal-garanzija tar-rota valida ghal sentejn u li taqra li f'kaz ta' incident tat-traffiku l-garanzija tigi kkunsidrata '*null and void*'.

Il-Qorti rat li l-kwotazzjoni suesposta giet ikkonfermata minn **Edward Borg fix-xhieda tieghu a fol. 126 et seq tal-process** moghtija nhar it-8 ta' Lulju, 2021. Jghid li xoghlu huwa li jbiegh ir-roti. Jsostni li huwa ntalab jaghti l-kwotazzjoni ghar-raguni li wara l-incident hadd ma jista' jiccertifika r-'*road worthiness*' tar-rota bhala '*safety level*'. Malta m'hawn hadd li jistsa' jiccertifika li r-rota tista' terga' tintuza u l-garanzija tigi '*void*' wara incident tat-traffiku. Jispjega li hija rota tal-*carbon fibre* u '*it's a bike which holds the fastest record* fl-Ewropa'. Jispjega li awtomatikament la darba r-rota marret ghandu huwa kellu javza lid-ditta li giet involuta f'incident sabiex tigi terminata l-garanzija. Dak indikat fil-kwotazzjoni huma kollha oggetti mixtrija minghandu minn Jason Debono.

Edward Borg xehed in kontro-ezami a fol. 254 et seq tal-process. Jikkonferma li d-dokument esebit a fol. 81 tal-process hija kwotazzjoni xi ftit '*outdated*' ghaliex harget fis-sena 2020 hemm inflazzjoni ta' xi 30% fuqha. Jikkonferma li r-rota tar-rikorrent inxtrat ftit xhur qabel l-incident ghas-somma ta' €6335.40 *plus* vat. Il-mudell fil-kwotazzjoni huwa l-istess wiehed li kien inxtara cioe' r-rota li gie daneggata. Izid izda li r-rota danneggjata kellha diversi *upgrades* fuqha. Mistoqsi dwar speed massimu tar-rota in kwistjoni jghid li mhux kwalifikat sabiex jirrispondi ghaliex hu xoghlu jbiegh ir-roti u jiddependi hafna fuq min qed isuqha u l-art li fuqha jkun qed isuq. Ir-rota baqghet ghandu l-hanut tistannea li jigi *surveyor* izda baqa ma mar hadd. Ir-rikorrent ma xtarax rota ohra minghandu.

Rat a fol. 102 A et seq tal-process ix-**xhieda ta' Joseph Debono rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi** li esebixxa it-tax return tar-rikorrent ghas-snin 2015 (qliegh ta' €83,895), 2016 (qliegh ta' €87,031) u 2017 (qliegh ta' €55,668) a fol. 103 et seq tal-process.

Rat ix-xhieda ta' **Dr. Jonathan Joslin (fol. 102 D)** li kien it-tabib li kkura lir-rikorrent meta dahal il-Mater Dei u jesebixxi l-*case summary* a fol. 115 tal-process.. Jghid li huwa rah dik id-darba biss u jikkonferma l-griehi li kieku ticrita pjuttost finda fil-widna tant li kienet maqsuma fi tnejn u kellu wkoll ugiegh fuq in-naha tal-lemin ta' rasu u l-hip tan-naha tal-lemin. Jghid li kien xi ftit konfuz u possibilment kellu slight concussion. Dwar il-griehi fil-widna jixhed:

'Fil-fatt gie operat mill-ENT Sergeons biex ipoggulu il-pinna, il-widna flimkien. L-injuries minhabba, bazikament minhabba it-ticrita, dawk jigu grievious minhabba il-....ta' sfregju. L-injuries

tar-ras huma superficjali ghax ma kellux ksur u ma kellux xi sintomi li damu fuqu. Dawk huwa, ifhem huwa Tabib. Narah once in a while minhabba li huwa Tabib imma qatt ma rajtu izjed minhabba din il-problema. . . . .

.... Dik hija il-posizzjoni kif inqassmet il-widna. Hemmhekk ghandek cartilage u gilda u kien hemm ti rita right through. Jigifier din ibviously kellha bzonn operative repair. Minhabba f'hekk dawk jigu classified as grievious. . . . jekk ma taghmilhiex, the ear will drop.'

Zammewh lejl ghall-osservazzjoni mbaghad gie discharged. Dak li soffra f'widnejh, it-ticrita per se' ma jaffetwax is-smiegh. Jinsisti li hija 'grevious' minhabba it-ticrita fejn kienet. Dwar il-griehi l-ohra li jidhru fir-ritratti apparti tal-widna jghid li dawk huma brix u *bruising* u jigu klassifikati bhala 'slight'. '

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi ghal dik li hija l-versjoni tar-rikorrent, salv ghac-cahda kategorika tieghu li huwa fl-ebda hin ma qal lill-Pulizija fuq il-post li kien qed jixrob u ghalhekk ma setax izomm il-brejk, il-Qorti tinnota li din kienet konsistenti tul il-proceduri kollha kemm ta' quddiemha kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Huwa jammetti li kien ghaddej bi speed ta' 43 kilometri fis-siegha minn triq li z-zewg partijiet jaqblu li hija 'main road'.

Skont ir-rapport tal-Pulizija il-velocita' massima permissibbli f'din it-triq hija dik ta' 30 kilometru fis-siegha. Ma tressqet l-ebda prova ohra fl-atti li tissostanzja din l-allegazzjoni filwaqt li dwarha ma saru l-ebda domandi mill-partijiet lill-pulizija li rredigew ir-rapport.

Ulterjorment l-istess rikorrent jammetti wkoll li huwa kien madwar 30 metru l-boghod meta ra l-ewwel darba lit-trakk u huwa ghafas il-brejk tar-rota mill-ewwel izda ma setax jevita t-trakk tal-intimat li kien ghalaq it-triq kompletament u habat mal-istess trakk. Il-prova inkonfutabbli li r-rikorrent fil-fatt ghafas il-brejk huwa l-qari tal-GPS li kien fuqu, esebiti minnu stess, li juri wkoll li fil-fatt ir-rota lahqet naqqset l-*ispeed* taghha ghal 9 kilometri fis-siegha mal-habta. Huwa ghalhekk difficli ferm li din il-Qorti temmen li r-rikorrent lill-pulizija qallu li ma lahaqx ghafas il-brejk tar-rota la darba fil-fatt jirrizulta ppruvat li fil-fatt ghafsu u naqqas sew l-*ispeed* tieghu. Dwar jekk hu kienx qed jixrob fil-hin li ra t-trakk l-unika versjoni hija dik li kiteb fil-prime note l-pulizija u li skont hu qalielu r-rikorrent. Fl-istess hin izda PC David Mizzi jammetii li r-rikorrent kien ferm imfixkel u mwegga' tant li n-numru tal-mara tieghu kellu jtihulu tlett darbiet biex ikun tajjeb. La darba jirrizulta li parti minn din il-versjoni u cioe' li r-rikorrent ma ghafasx il-brejk mihiex il-verita' ghaliex il-qari tal-GPS juri mod iehor, din il-Qorti ftit li xejn tista' tistrieh fuq il-bqija ta' din il-versjoni. Dan aktar u aktar la darba jirrizulta li l-intimat da parti tieghu l-ewwel jghid li ma setax jisma' lir-rikorrent ikellem lill-Pulizija ghaliex kien il-boghod mbaghad quddiem in il-Qorti xehed li kien vicin bizzejjed sabiex jisma izda ma jikkonfermax li semghu jghid li kien qed jixrob. L-intimat ukoll mistoqsi diversi drabi mkien ma jghid li ra lir-rikorrent jixrob izda jinsisti li rah biss isuq ir-rota. Mart ir-rikorrent minn naha taghha tghid li dan il-kliem hija semghet lix-xufier tat-trakk jghidu lill-Pulizija.

Illi dwar il-posizzjoni tar-rota qabel l-incident ir-rikorrent ukoll dejjem insista li huwa kien fuq il-*lane* tieghu. L-intimat jipprova jaghti x'jifhem li r-rikorrent kien qed isuq ir-rota lejn in-nofs. Mir-ritratti esebiti fl-atti fejn anki jidher il-brejk mark tar-rikorrent dan

jidher li kien qieghed il-gewwa fil-*lane tieghu* u jidher hiereg ftit il-barra izda dejjem fil-*lane* ezattament qabel il-habta. Evidentement ir-rikorrent prova jevita l-habta izda ma rnexxielux.

Illi dwar ir-rapport ex parte tal-Inginier din il-Qorti tqis li fix-xhieda u r-rapport tieghu tant hargu versjonijiet diversi u tant hareg li hu kompletament assuma l-posizzjoni tat-trakk u dak li ghamel l-intimat li din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq tali konkluzjonijiet.

Illi minn analizi tal-provi kollha sesposti din il-Qorti ghalhekk tqis li l-verita' tal-fatti ghal dik li hija l-agir tar-rikorrent hija li hu kien ghaddej bi *speed* ta' madwar 43 kilometri fis-siegha mit-triq in kwistjoni fuq il-*lane* tieghu u x'hin ra li t-trakk tal-intimat kien hareg u ghalaq it-triq kompletament ghafas il-brejk izda ma rnexxilux iwaqqaf ir-rota kompletament qabel l-incident u b'hekk sehhet il-habta.

Illi minn naha tal-intimat il-Qorti rat li fil-versjoni tieghu moghtija lill-Pulizija huwa fl-ebda hin ma jghid li fil-mument li beda hiereg mix-xatba huwa waqaf sabiex jara jekk hux gej traffiku f'dik li fl-atti hija msejha bhala 'main road'. Tant hu hekk li l-versjoni tieghu fir-rapport tghid li hu kien hiereg u baqa hiereg ghall-affari tieghu. Fil-fatt huwa jaghti bosta versjonijiet diversi ta' dak li ghamel u ra dak in-nhar li sehh l-incident u dawn il-varjazzjonijiet xejn ma jimmilitaw favur li hu kien qed jixhed il-verita'. Illi l-Qorti tqis li minn analizi tal-provi kollha fl-atti l-verita tal-fatti dwar l-agir tal-intimat hija li huwa qabad hiereg minn gewwa l-barriera ghal fuq it-triq bil-hsieb li ma kien gej hadd fit-triq w'ghalhekk baqa' hiereg sakemm tista' tghid ghalaq it-triq bit-trakk li kien qed isuq u kien biss dak il-hin li ra r-rota gejja. Jirrizulta ghalhekk li mal-manuvra li beda johrog fit-triq l-intimat fl-ebda hin ma waqaf sabiex johrog

ftit, ftit u jara x'inhu ghaddej fit-triq nonostante li kien jaf li l-viswali tieghu kienet limitata minhabba li t-trakk huwa *left hand drive* u sahansitra huwa ried idawwar lejn il-lemin u bla dubju seta' jipresumi li mit-triq jistghu jghaddu xi vetturi fosthom roti kif fil-fatt gara izda ma ta l-ebda kaz. Il-manuvra korretta da parti tal-intimat f'dawk ic-cirkustanzi ta' nuqqas ta' viswal kellha tkun li johrog ftit, ftit billi jieqaf f'intervalli sabiex jassigura li ma hu gej hadd mhux baqa' hiereg ghall-affarijiet tieghu b'non kuranza assoluta ta' x'qed jigri fit-triq.

Illi jekk huwa minnu li s-sewwieq tar-rota kien ghaddej bi *speed* ftit aktar gholi minn dak permissibbli, dan mhux neccessarjament jitfa t-tort fuqu ghall-incident u se mai huwa biss suxxettibbli li jinghata citazzjoni. Illi minn naha l-ohra huwa car li kien l-intimat li kkrea l-emergenza fit-triq ghaliex hareg minn gewwa l-barriera bi trakk mhux zghir tant li ghalaq zewg *lanes* fl-istess hin u dan minghajr ma lanqas indenja johrog ftit, ftit biex jaghti cans f'kaz li jkun gej xi traffiku fit-triq li fuq kollox kellu id-dritt, fil-*lane* apposita, kif fil-fatt kien qed jaghmel ir-rikorrent. Li kieku l-intimat bi prudenza hareg ftit, ftit l-incident kien jigi evitat ghaliex ir-rikorrent kien ikollu cans jghaddi mill-parti l-vojta tat-triq izda r-rikorrent ma thallielu mkien minn fejn jimmanuvra fic-cirkustanzi specjali kkreati fit-triq mill-intimat. Huwa ghalhekk car lil din il-Qorti li huwa l-intimat li naqas milli jzomm *proper lookout* fil-mument li bil-manuvra tieghu kien qieghed jikkrea ostaklu mhux zghir fit-triq. Din il-Qorti ghalhekk tqis li huwa l-intimat kompletament responsabbli ghall-incidenet de quo w'ghalhekk ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mir-rikorrent.

**Damnum Emergens:**

Illi dwar Damnum Emergens irrizulta mill-atti li fl-incident in kwistjoni r-rikorrent kien qed isuq rota li kien xtara ftit xhur qabel b'ammont ta' *extras* inkluz in-nuccali tax-xemx appositu li nxtara mill-istess post cioe' minghand il-Wheel Wizard. Ir-rikorrent prezentata kwotazzjoni ghas-somma ta' €10,727.72 li nharget mill-istess hanut sabiex jirrimpjazza dak kollu li gie danneggjat fl-incident.

Illi da parti tieghu l-intimat isostni li fl-atti ma tressqet l-ebda prova li r-rota in kwistjoni ma setghetx tigi msewwija u lanqas ta' meta kienet inxtrat ir-rota nvoluta fl-incident. Illi dwar iz-zmien li nxtrat ix-xhud rapprezentant tal-Wheel Wizard Edward Borg ikkonferma li din kienet inxtrat ftit xhur qabel. Dwar jekk setghetx tissewwa kemm dan ix-xhud kif ukoll ir-rikorrent insistew li l-materjal li kienet maghmula minnha din ir-rota jrendiha difficli hafna li din tissewwa, li f'Malta m'hawn hadd min jista' jiccertifika tali rota bhala 'road worthy' wara li tkun giet iddanneggjata u fi kwalunkwe kaz la darba din tkun involuta f'incident tressqet il-prova li din titlef kwalunkwe garanzija mahruga fuqha. Da parti tieghu l-intimat jghid li din ir-rota ma ra l-ebda 'surveyor' izda din il-Qorti tqis li se mai kienet nuqqas tas-socjeta' ta' assigurazzjoni tal-intimat li ma baghtitx is-'surveyor' taghha nonostante li r-rota damet madwar tlett snin ghand il-Wheel Wizard tistenna li jmur 'surveyor' jaraha. Jirrizulta li filwaqt li l-intiamt ressaq provi sufficjenti dwar din il-hsara u tal-prezz neccessarju sabiex jigi ripristinat l-*istatus quo ante* tar-rikorrent ghal dak li jirrigwarda r-rota, l-intimat ma ghamel xejn attivament sabiex imeri tali pretensjoni. Il-Qorti ghalhekk tqis li din il-pretensjoni tar-rikorrenti giet sufficjentement ippruvata. Illi fl-atti rrizulta wkoll li mat-trapass tas-snin, llum il-gurnata l-prezz sabiex tigi rimpjazzata din ir-rota u l-accessorji ta' maghha ghandu jitla' mill-anqas bi 30% stante li l-kwotazzjoni harget snin ilu.

Minn naha l-ohra l-intimat isostni fis-sottomissjonijiet tieghu li r-rikorrent ma ressaqx prova dwar kemm kienet naqset fil-valur ir-rota in kwistjoni sad-data tal-incident. Din il-Qorti tqis li dawn iz-zewg cirkustanzi jpattu wahda ghall-ohra b'dana li tqis li d-Damnum Emergens debitament ippruvat huwa dak fis-somma ta' ghaxart' elef, seba' mija u tmienja u ghoxrin Euro (€10,728).

**Lucrum Cessans**

Illi fir-rapport mediku ex parte esebit fl-atti u konfermat minn Mr. Francis Darmanin jigi konkluz li r-rikorrent sofra debilita' permanenti ta' 1.5% fir-rigward tat-ticrita fil-widna u .5% ghall-marka fl-id rizultat tal-gerha li soffra fl-istess. Fix-xhieda tieghu izda Mr. Darmanin isostni li il-marka tal-id ma tistax tissejjah li hija permanenti izda dik tal-widna hija fil-fatt permanenti. L-intimat isostni li t-ticrita fil-widna bil-kemm tidher w'ghalhekk mhux minnu li hemm debilita' permanenti filwaqt li r-rikorrent isostni li huwa ben konxju tat-ticrita u anzi ddejqu ferm aktar estetikament ghar-raguni li huwa tabib li jahdem fl-estetika u li appuntu jiehu hsieb id-dehra tal-persuna.

Illi din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li hi stess tara tali ticrita fil-widna tar-rikorrent u ghalkemm verament trid tersaq lejha sabiex tirrikonoxxiha dan ma jfissirx li ma ddejjaqx lir-rikorrent fid-dehra tieghu u huwa car anki mix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti li l-viswal ta' din it-ticrita fuqu ddejjaq ferm lir-rikorrent. Finalment din tibqa sfregju fuq il-persuna tar-rikorrent. Fuq kollox ma gie prezentat xejn fl-atti li jmeri l-konkluzjoni ta' Mr. Darmanin li tali ferita tikkonsisti f'debilita' permanenti ta' 1.5%. Dwar il-.5% tal-marka fl-id il-Qorti tqis li ghandha wkoll timxi ma' dak li jsostni Mr. Darmanin u tasal ghall-konkluzjoni li din ma tikwalifikax

bhala debilita permanenti w'ghalhekk ser tiehu biss il-persentagg ta' debilita' permanenti ta' 1.5%.

Illi l-partijiet jaqblu li l-*lucrum cessans* ghandu jigi kkalkulat fuq il-medja tal-qliegh tar-rikorrent bejn is-snin 2015 u 2017 li tammonta ghas-somma ta' €75,531.

Ghal dak li huwa *multiplier* il-partijiet ma jaqblux. Ir-rikorrent isostni li ghandha tintuza d-differenza bejn l-eta' tal-irtirat tieghu u l-eta li kellu dak in-nhar tal-incident b'dana li jiproponi multiplier ta' 25 sena. Da parti tieghu l-intimat jinsisti li fit-termini tal-gurisprudenza ghandu jintuza multiplier ta' mhux anqas aktar minn 20 sena tenut kont ukoll tac-'chances and changes of life'. Din il-Qorti taqbel li ghandu jigi applikat *multiplier* li jiehu wkoll kont tac-'*chances and changes of life'* ghaliex huwa minnu li hadd ma jaf x'jirriserva l-futur, pero' tenut kont anki tax-xoghol tar-rikorrent li ma jirrikjedix xi sahha fisika partikolari l-Qorti tqis li 20 sena huwa ftit wisq ghalhekk taghzel li tiehu bejn wiehed u iehor it-triq tan-nofs u tapplika *multiplier* 22 sena li jinkludi fih ic-'*chances and changes of life.'*

Ghal dak li huwa *lump sum payment* din il-Qorti taqbel mal-intimat li d-dewmien fil-kawza kien rizultat principalment tal-pandemija tal-Covid ghalhekk taqbel li ghandu jigi applikat persentagg ta' 18%.

Illi applikat dak kollu suespost il-kalkolu tal-*lump sum payment* huwa kif isegwi:

€ 75,531 x 22 x 1.5 % - 18% = € 20,439

**Total ta' Lucrum Cessans u Damnum Emergens: € 31,167.**

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta'  u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad ir-risposta tal-intimat sakemm din hija nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li l-incident *de quo* sehh htija tal-intimat  u li b'konsegwenza tieghu ir-rikorrent garrab danni;

3. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent, *damnum emergens* u *lucrum cessans*, fis-somma totali ta' wiehed u tletin elf, mija u seba' u sittin Euro (€ 31,167).

4. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent u tikkundanna lill-intimat Roderick Camilleri ihallas lir-rikorrent is-somma hekk likwidata.

Bl-imghaxijiet skont il-ligi mid-data tad-decizjoni sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 4455/2017 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat fil-konfront tal-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**31 ta' Ottubru, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Ottubru, 2024**